## 21 ta' Ġunju, 1991

## Imħallfin: –

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Carmelo Sant

*versus*

Carmen mart Gerolamo Deguara *et*

## Konvenju – Legat remuneratorju – Testment – Intervent u Assistenza tar-Raġel – Komunjoni tal-Akkwisti – Serviġi – Proprjetà parafernali

*Il-kreditu għas-serviġi reżi minn mara miżżewġa huwa kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti – Dana però ma jfissirx illi legat remuneratorju għas-serviġi mħolli mid-debitur ta' l-istess serviġi, jaqa' wkoll taħt il-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Dan huwa każ ferm differenti minn dak li fih mara miżżewġa waqt iż-żwieġ takkwista l-proprjetà ta' fond in soddisfazzjon ta' kreditu dovut lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha fil-mument tat-trasferiment tal-proprejtà.*

*Għat-trasferiment ta' beni partikolari ta' mara miżżewġa mal-istess mara miżżewġa ma għadhomx aktar rikjesti l-kunsens u l-intervent ta' żewġha fuq l-att ta' trasferiment.*

*Fil-legati remuneratorji bejn ġenituri w ulied, jekk mhux dejjem, kważi dejjem, hemm element ta' liberalità u mhux il-każ li jkun kompletament remuneratorju.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-attur ippreżenta ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-konvenuti li biha wara li ppremetta illi bi skrittura ta' konvenju li ġġib id-data tat-18 ta' Mejju 1987, il-konvenuta Carmen mart Gerolamo Deguara ppromettiet u obbligat ruħha li tbiegħ u tittrasferixxi lill-attur, li obbliga ruħu li jixtri u jakkwista, it-terran bla numru, jismu Saint Mary, f'Qawra Road, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar..... liberu u frank, bid-drittijiet tiegħu, inklużi l-arja, u dana versu l-prezz ta' sitt elef u ħames mitt lira Maltija (Lm6,500) li jitħallsu mal-kuntratt, liema konvenju kien validu għal sitt xhur minn dik id-data;

Illi minkejja li għadda ż-żmien stipulat, inkluż kull żmien li fih il-konvenju kien jistenna l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet (Dokument B), u minkejja li l-attur ottjena l-permess tal-Ministru tal-Finanzi, rikjest mil-Liġi, u minkejja li l-konvenuti ġew interpellati biex jersqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgħ notarili opportun, b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Ottubru, 1987, debitament lilhom notifikata, il-konvenuti, bla ebda raġuni valida, naqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili opportun;

Talab li (1) il-konvenuta tiġi kundannata li fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti, taddivjeni għall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili opportun għall-bejgħ u trasferiment favur l-attur tat-terran, bla numru, jismu Saint

Mary, f'Qawra Road, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar..... bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha inklużi fil-konvenju tat-18 ta' Mejju 1987.

*Omissis;*

Il-konvenuti eċċepew illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda għaliex il-konvenju mhux validu fil-liġi in kwantu l-eċċipjenti Carmen Deguara ma setetx tikkuntratta fuq proprejtà li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u f'kull każ kienet teħtieġ l-intervent w assistenza ta' żewġha biex tiddisponi mill-proprejtà immobiljari tagħha;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ikkunsidrat:

*Omissis;*

L-attur mill-banda l-oħra jsostni illi l-konvenju magħmul minnu u Carmen Deguara jorbot għaliex il-fond huwa ta' proprejtà tagħha billi mħolli b'legat mingħand ommha b'testment tas-26 ta' Settembru 1981, fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien. Biex tiddisponi minn ħwejjiġha l-konvenuta għalkemm mara miżżewġa, la kellha bżonn l-intervent u l-anqas l-assistenza ta' żewġha, għaliex, skond l-attur, il-fond ma jifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Ikkunsidrat:

Illi bit-testment fuq imsemmi Maria armla minn Pietro Sant, omm Carmen Deguara, iddisponiet kif ġej:

"It-testatriċi tħalli b'titolu ta' legat in piena proprejtà lil

bintha Carmela, mart Girolamo Deguara, is-sehem tagħha ta' nofs indiviż tal-fond li jismu "Saint Mary" Qawra Bay, Qawra, limiti ta'. San Pawl il-Baħar, u dana qegħda tagħmlu bħala kumpens talli l-imsemmija Carmela Deguara daret biha u għadha sallum qed iddur biha, u bil-patt illi dawna s-serviġi jkomplu sa mewt it-testatriċi."

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt illi Carmen Deguara kienet ġa miżżewġa ma' Girolamo Deguara meta hija bdiet iddur b'ommha u illi hija kienet għadha miżżewġa miegħu fil-31 ta' Marzu 1983, il-ġurnata tal-mewt ta' ommha, meta kienet għadha ddur b'ommha;

*Omissis;*

Jidher illi, għalkemm fil-ġurnata tas-26 ta' Settembru 1981, meta sar it-testment minn omm il-konvenuta Maria armla ta' Pietru Sant, il-fond "Saint Mary", fil-Qawra, kien għadu tenut indiviżament kollu kemm hu bejn l-istess testatriċi Maria Sant u l-ħames uliedha aħwa Sant, l-istess ħames aħwa Sant, fl-att ta' diviżjoni, bħala l-uniċi nteressati u eredi tal-ġenituri tagħhom, poġġew tmiem għal kwistjoni jekk l-istess fond kienx allura ġa maqsum fi tnejn u jekk setax jopera l-laxxitu tal-legat lil Carmen Deguara li għamlitilha ommha fit-testment imsemmi f'mument meta t-testatriċi ma kenitx żgur illi kienet sejra jkollha xi sehem fl-imsemmi fond;

Ikkunsidrat:

Illi dina kienet il-qagħda ta' l-affarijiet meta Carmen Deguara daħlet fil-promessa ta' ftehim ta' bejgħ tal-fond "Saint Mary" esegwita bil-konvenju tat-13 ta' Mejju 1987, li saret

favur, u ġiet aċċettata minn, Carmelo Sant, l-attur.

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi Carmen Deguara ma setatx tiddisponi mill-fond formanti, skond huma, parti minn komunjoni ta' l-akkwisti li tagħha ma kellhiex ir-rappreżentanza, illi huwa minnu illi l-istess Carmen Deguara ġiet imħollija dana l-fond li ssemma' fit-testment ta' ommha, in piena proprejtà, bħala legat remuneratorju għas-serviġi li kienet tippresta lit-testatriċi sal-ġurnata tal-mewt. Fuq dana jaqblu l-partijiet. Huwa sewwa wkoll dak li jsostnu l-konvenuti illi l-kreditu għas-serviġi reżi minn Carmen Deguara lil ommha waqt iż-żwieġ tagħha ma Gerolamo, huwa kreditu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dana ma jwassalx però għall-konklużjoni illi legat remuneratorju għas-serviġi mħolli mid-debitur ta' l-istess serviġi, jaqa' wkoll taħt il-komunjoni ta' l-akkwisti. Id-dritt għall-proprejtà tal-fond m'huwiex l-istess dritt għal pagament tad-debitu dovut lil Carmen Deguara minħabba s-serviġi minnha reżi lil ommha. Mingħajr id-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Maria Sant, la Carmen Deguara u l-anqas żewġha Gerolamo ma kien ikollhom il-proprejtà tal-fond, tkun xi tkun il-pretensjoni tagħhom għal ħlas tas-serviġi mogħtija. Il-qagħda fil-liġi ma titbiddilx bil-fatt li t-testatriċi Maria Sant riedet li tirrikonoxxi u tissodisfa l-obbligazzjoni tagħha lejn bintha bil-mod li għażlet hija meta ħallitilha l-legat; dana huwa każ ferm differenti minn dak li fih mara miżżewġa waqt iż-żwieġ takkwista l-proprejtà ta' fond in sodisfazzjon ta' kreditu dovut lil komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha fil-mument tat-trasferiment tal-proprejtà; f'dan il-każ l-akkwist (a parti l-presunzjoni li toħroġ minn dak li jiddisponi l-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili) ikun akkwist magħmul mill-komunjoni ta' l-

akkwisti biss jekk xi waħda msemmija fil-paragrafu (d) jew (e) tal-artikolu 1321 tal-Kodiċi Ċivili, u Carmen Deguara ma akkwistatx f'dawna ċ-ċirkustanzi;

Il-Qorti hija tal-fehma illi jkun sewwa li tirrileva illi l-immissjoni ta' Carmen Deguara fil-pussess tal-legat lilha mħolli minn ommha li saret in forza tal-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1987 (kuntratt li fih Gerolamo Deguara ma ħax parti) seta' possibilment jeffettwa d-dritt għal kreditu tal-ħlas għas-serviġi reżi minnha lil ommha, però dana se mai huwa effett li jista' jidher li japplika meta u jekk jaslu biex jiġu regolati r-relazzjonijiet interni bejn Carmen Deguara u Gerolamo Deguara; l-istess immissjoni fil-pussess ma tiġix, b'dana kollu, imnaqqas mill-effetti legali tagħha li tinvesti lil Carmen Deguara fil-proprejtà tal-fond bħala proprejtà partikulari tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi għat-trasferiment ta' beni partikulari ta' mara miżżewġa mill-istess mara miżżewġa ma għadhomx aktar rikjesti l-kunsens u l-intervent ta' żewġha fuq l-att ta' trasferiment. (Ara artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1973 li jkompli jemenda l-Kodiċi Ċivili);

Ikkunsidrat:

Illi sewwa għamel l-attur li jħarrek lil Gerolamo Deguara għal kull interess li jista' jkollu' fil-kawża intentata kontra Carmen Deguara. Kwistjonijiet bħal dik li għadhom kemm ġew eżaminati mill-Qorti jitolbu, kif kostantement ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-preżenza tar-raġel fil-kawża;

Il-Qorti Ċivili Prim'Awla ddeċidit il-kawża billi, fil-ħin li

tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenuta biex taddivjeni għall-pubblikazzjoni ta' l-att notarili tal-bejgħ tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta ħlief dawk ta' Gerolamo Deguara li jħallas l-ispejjeż tiegħu."

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti u fil-petizzjoni tagħhom qalu li l-kwistjoni li fuqha ma jaqblux ma' dak li hemm fis-sentenza hija esklussivament ta' natura ġuridika; u ċjoè illi legat remuneratorju, billi jirrappreżenta kumpens ta' serviġi, jappartjeni lill-kommunjoni ta' l-akkwisti u m'huwiex proprjetà parafernali, u għalhekk nofs il-fond magħruf bħala "Saint Mary", f'Qawra Road, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, oġġett tal-konvenju, kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u mill-proprejtà tal-komunjoni huwa Gerolamo Deguara biss li jista' jiddisponi – mentri dan ma ffirmax il-konvenju, l-istess konvenju huwa null;

Wara li kkunsidrat sewwa l-petizzjoni ta' l-appellanti u eżaminat is-sentenzi li għalihom saret riferenza, din il-Qorti sabet illi verament is-sentenza li hija rilevanti għal każ, hija dik tal-Qorti Ċivili Prim'Awla ta' l-10 ta' Ġunju 1939, fl-ismijiet Giovanna Miller vs Wisq Rev. Kan. Dun Giuseppe Farrugia ne. et – Vol. XXX.II.271 li huwa importanti li tiġi kkwotata in extenso:-

"... il-konvenuti... issottomettew illi l-attriċi hija persuna illeġittima għaliex kellu jaġixxi r-raġel tagħha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Din l-eċċezzjoni hija inammissibbli,

... għaliex hija m'hix qegħda titlob dak il-legat '*ut sic*' bħala rimuneratorju, almenu fl-estensjoni u fil-kwantità kollha tiegħu. Infatti t-testatriċi, meta ddettat dak il-legat fit-testment, qatt ma setgħet ikollha ideja tax-xogħol li sejra tagħmel magħha l-persuna li tassistiha fl-aħħar ta' ħajjitha, għaliex meta nkiteb it-testment it-testatriċi ma kenitx marida; imbagħad anki kieku kien rimuneratorju, ... bħala persuna li qegħda tippretendi l-legat hija l-attriċi, u għalhekk **hija għandha taġixxi** bl-assistenza ta' żewġha, **u mhux żewġha;** apparti l-kwistjoni ta' bejniethom jekk il-legat ikunx jifforma parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew le;''

Is-sentenza appellata tagħmel eku lil dan il-kliem;

*Omissis;*

Din il-Qorti jidhrilha li għandha tikkonferma li din hija l-posizzjoni legali korretta. Tikkunsidra li fil-legati rimuneratorji bejn ġenituri w ulied, jekk mhux dejjem, kważi dejjem, qatt ma huwa kompletament u esklussivament rimuneratorji għaliex mhux konċepibbli li ma jkunx imħallat sewwa b'element ta' liberalità. U dak li huwa ġej mil-liberalità ma huwa qatt parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti amenokè ma jiġix espressament indikat il-kuntrarju;

Għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenuti.